32001D0308

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSIONI
tal-31 ta' Jannar 2001
dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE rigward il-vetures

(innotifikata fid-dokument bin-numru K(2000) 4359)

(Test bir-relevanza għaż-ŻEE)

(2001/308/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjoniet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti għall-bini [1], kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni hija meħtieġa li tagħżel, bejn iż-żewġ proċeduri ta' l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE sabiex tattesta l-konformità ta' prodott, il-proċedura l-inqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà. Dan ifisser illi huwa meħtieġ li tiddeċiedi jekk, għal prodott jew familja ta' prodotti partikolari, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni f'fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hix kondizzjoni meħtieġa u biżżejjed sabiex tiġi attestata l-konformità, jew jekk, għal raġunijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), ikunx mitlub l-intervent ta' korp approvat taċ-ċertifikazzjoni.

(2) L-Artikolu 13(4) jeħtieġ illi l-proċedura hekk stabbilita tkun indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Huwa għalhekk mixtieq li jiġu identifikati l-prodotti jew il-familji tal-prodotti riferiti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

(3) Iż-żewġ proċeduri pprovduti fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom jiġu implimentati, b'referenza għal l-Anness III, għal kull prodott jew familja tal-prodotti, ġaladarba l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi.

(4) Il-proċedura riferita fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi ddikjarati fl-ewwel possibbiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u fit-tieni u t-tielet possibbiltajiet tal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III. Il-proċedura riferita fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi ddikjarati fil-punt (i) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibbiltà, b'sorveljanza kontinwa, mal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III.

(5) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Bini,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u l-familji tal-prodotti ddikjarati fl-Anness I għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha l-fabbrikant ikollu taħt ir-responsabbiltà tiegħu biss sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li tiżgura illi l-prodott iħares l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

Artikolu 2

Il-prodotti u l-familji tal-prodotti ddikjarati fl-Anness II għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha, b'żieda mas-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika mħaddma mill-fabbrikant, korp approvat taċ-ċertifikazzjoni jkun involut fl-istima u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

Artikolu 3

Il-proċedura sabiex tiġi attestata l-konformità kif iddikjarata fl-Anness III għandha tkun indikata fil-mandati għall-Linji Gwida għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2001.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Il-*Vetures*:

Għall-użu fil-bini, għajr dawk koperti bl-Anness II.

ANNESS II

Il-*Vetures*:

Għall-użu fil-bini, bla ħsara għar-reazzjoni għar-regolamenti dwar in-nar rigward il-prodotti magħmula minn materjali li jidħlu fil-klassijiet A1 (*), A2 (*), B (*), Ċ (*).

(*) Il-prodotti/materjali li għalihom stadju li jista' jiġi identifikat b'mod ċar fil-proċess tal-produzzjoni jirriżulta f'titjib fir-reazzjoni għall-klassifika tan-nar (eż. żieda ta' *fire retardants* jew limitazzjoni fil-materjal organiku).

ANNESS III

Nota: Għall-prodotti *li jkun fihom iktar minn użu maħsub wieħed speċifikat fil-familji li ġejjin, il-funzjonijiet tal-korp approvat, li ġejjin mis-sistemi rilevanti ta' l-attestazzjoni ta konformità, huma kumulattivi.*

Il-familja tal-prodotti: il-*vetures* (1/2)

Is-sistemi ta' l-attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott/i u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, l-*EOTA* hija mitluba li tispeċifika s-sistema/i ta' l-attestazzjoni ta konformità li ġejjin fil-Linja Gwida rilevanti għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej:

Il-Prodott/i	L-Użu/i maħsub/a	Il-Livell/i jew il-Klassi/jiet	Is-Sistema/i ta' l-attestazzjoni ta konformità
Il-Vetures	Fil-bini	-	3

Is-Sistema 3: Ara t-tieni possibbiltà fl-Anness III.2.(ii) tad-Direttiva 89/106/KEE.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali illi tkun tista' tiġi implimentata saħansitra meta ma jkunx hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-effiċjenza għal ċerta karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma jkollu totalment ebda ħtieġa legali għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta japplika, il-klawsola 1.2.3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każijiet il-verifika ta' din il-karatteristika ma għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk ma jkunx jixtieq jiddikjara l-effiċjenza tal-prodott f'dan ir-rigward.

Il-Familja tal-prodotti: il-*vetures* (2/2)

Is-Sistemi ta' l-attestazzjoni ta konformità

Għall-prodott/i u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, l-*EOTA* hija mitluba li tispeċifika is-sistema/i ta' l-attestazzjoni ta konformità li ġejjin fil-linja gwida rilevanti għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej:

Il-Prodott/i	L-Użu/i maħsub/a	Il-Livell/i jew il-Klassi/jiet) (ir-reazzjoni għan-nar)	Is-Sistema(i) ta' l-attestazzjoni tal-konfomità
Il-Vetures	Għall-użi bla ħsara għar-regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar	A1 (*), A2 (*), B (*), Ċ (*)	1
		A1 (**), A2 (**), B (**), Ċ (**), D, E	3
		A1 sa E (***), F	4

(*) Il-prodotti/materjali li għalihom stadju li jista' jiġi identifikat b'mod ċar fil-proċess tal-produzzjoni jirriżulta f'titjib fir-reazzjoni għall-klassifika tan-nar (eż. żieda tal-*fire retardants* jew limitazzjoni fil-materjal organiku).

(**) Prodotti/materjali li mhumiex koperti bin-nota f'qiegħ il-paġna (*).

(***) Prodotti/materjali li ma jeħtieġux li jiġu ttestjati għar-reazzjoni għan-nar (e.ż. prodotti/materjali tal-klassi A1 skond id-Deċiżjoni 96/603/KE, kif emendata).

Is-Sistema 1: Ara l-Anness III.2.(i) mad-Direttiva 89/106/KEE, minghajr it-testijiet tal-verifika tal-kampjuni.

Is-Sistema 3: Ara l-Anness III.2.(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibbiltà.

Is-Sistema 4: Ara l-Anness III.2.(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibbiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali illi tkun tista' tiġi implimentata saħansitra meta ma jkunx hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-effiċjenza għal ċerta karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed totalment ma jkollu ebda ħtieġa legali għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta japplika, il-klawsola 1.2.3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każijiet il-verifika ta' din il-karatteristika ma għandhiex tiġi imposta fuq il-fabbrikant jekk ma jkunx jixtieq jiddikjara l-effiċjenza tal-prodott f'dan ir-rigward.